MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 1377/2003/1

**Vincent Borg**

**v.**

**Jacqueline Bajjada**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata fis-Sezzjoni Generali tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Dicembru 2003, l-attur ppremetta li minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-

regolamenti u tar-regoli ta' komportament mistenni da parti tal-konvenuta u dan b'dannu ta' l-attur, gew kagunati danni lill-attur meta fit-18 ta' April, 2000 ghall-habta tas-7.00 a.m. gewwa Triq Santa Venera, Msida, habtet fil-karozza misjuqa mill-attur u dan kif jirrizulta mis-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, (Malta) Avviz Numru 390/01SM fl-ismijiet **Middle Sea Insurance plc noe et vs Vincent Borg** deciza fis-26 ta' Novembru, 2002; peress illi dawn id-danni jikkonsistu kemm f'danni fuq il-vettura tal-attur bin-numru ta' registrazzjoni LAG 079 emergenti u kemm bhala *lucrum cessans*, stante li l-attur sofra feriti ta' natura gravi u debilitazzjoni permanenti fuq il-persuna tieghu u konsegwetement sofra u ser jibqa' jsofri danni ingenti; peress li minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm risarciment mill-konvenuta; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u tar-regoli ta' komportament mistenni da parti taghha hija responsabbli ghall-incident illi sehh fit-18 ta' April, 2000 ghall-habta tas-7.00a.m. gewwa triq Santa Venera, Msida meta habtet fil-karozza misjuqa mill-attur u ghalhekk tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur kemm fil-vettura tieghu u danni personali fuqu bhala konsegwenza ta' dan l-incident;

2. tillikwida d-danni kagunati, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta inkluzi l-ispejjez tal-protesti gudizzjarji illi saru qabel il-ftuh ta' din il-kawza u bl-ingunzjoni tal-konvenuta minn issa ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fis-16 ta' Frar, 2004 l-konvenuta eccepiet:-

1) Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi:

a) l-azzjoni attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni biennali, ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) illi minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-esponenti mhux responsabbli ghad-danni pretizi mill-attur.

**Is-sentenza appellata:**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tat-12 ta' Jannar 2005, meta, ghar-ragunijiet hemm moghtija, laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta bl-ispejjez kontra l-attur u dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"Il-kaz in ezami jirrigwarda talba ta' Vincent Borg biex il-Qorti tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fit-18 ta' April, 2000 u biex tillikwida d-danni kagjunati u tikkundanna lill-konvenuta Jacquelina Bajada ghall-hlas tad-danni likwidati. Il-konvenuta eccepiet ***inter alia*** li l-azzjoni attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni biennali skond l-artikolu 2153 tal-Kap 16. Dan l-artikolu jghid hekk:

""L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagjunati b' reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn."

"Dan l-artikolu li precedentement kien l-artikolu 2258 jirrigwarda danni derivanti minn htija jew "***culpa***" extra kontrattwali kif imsejha komunement "***Culpa Aquiliana***". Din hija applikabbli ghal danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi delitti. Skond il-gurisprudenza taghna din il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu u minnha jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih. Huwa biss fil-kaz ta' htija extra-kontrattwali li jkollha l-effikacja l-preskrizzjoni eccepita.

"Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Mary Xuereb vs Nutar Emanuel Agius</u>** deciza fil-31 ta Ottubru 1959 moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta (Imh. Dr. A. V. Camilleri) XLIII-II- 789, il-Qorti rriteniet illi dawn id-danni li talvolta jistghu jigu reklamati a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16

ghandhom ikunu danni li jirrizultaw minn htija ossia kolpa extra-kontrattwali u hu mehtieg li l-vjolazzjoni ma jkollhiex ebda rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti.
"Fis-sentenza msemmija jinghad:

"“Illi skond il-gurisprudenza taghna, l-artikolu nvokat u l-preskrizzjoni opposta msemmija fih jirrigwardaw danni derivanti minn htija jew “culpa” extra-kontrattwali, jew, kif tissejjah komunement, “Culpa Aquiliana”. Fi kliem iehor, hija applikabbli ghad-danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi-delitti (ara Appell “J. Camilleri vs Dr. Frendo”, 22 ta’ Frar 1889; Vol. XII, pag. 144: Kummerc “Calafato vs Muscat”, 5 ta’ Frar 1893; Vol. XV pag. 44; P.A. Civili “Similiana vs Fenech”, 14 ta’ Frar 1900, Vol. XVII, p. 180; Appell “Scicluna vs Trany”, 22 ta’ Gunju 1900, Vol. XVI, P.I. pag. 151; Kummerc “Attard vs Zerafa”, 24 ta’ April 1906, Vol. XIX-III-106; Appell “Dr. Buhagiar vs De Nicola”, 30 ta’ Jannar 1911, Vol. XXI-I-529; Appell “Dr. Galea Naudi vs Zammit”, 9 ta’ Marzu 1925, Vol. XXVI-I-54; P.A. Civili “Vella vs Fenech”, 7 ta’ Dicembru 1927, Vol. XXVI-II-515; Appell “Tonna vs Smith”, 7 ta’ Novembru 1932, Vol. XXVIIII-I-726; u ohrajn)";

“Illi jinghad ukoll li tant id-dottrina kemm il-gurisprudenza lokali stabbilew li din il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih (ara Appell 30 ta’ Mejju 1952, “Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle McCance”, Vol. XXXVI-I-133; Appell 22 ta’ Gunju 1900, “Scicluna nomine vs Trany nomine et.” fuq citata; Kummerc 31 ta’ Jannar 1935, “Michele Mifsud vs Eugenia Buhagiar”, Vol. XXIX-III-92; Pugliese, Parte II, La Prescrizione Estintiva, para. 63; Laurent, Dto. Civile, Vol. XXXII, para. 15; Baudry, Vol. XXVIII, Prescrizione, para. 380)…”

“Ara wkoll f’dan is-sens LFS: Maltacom p.l.c. vs Mizzi Alfred et 1/6/04.

“Huwa car li l-kaz in ezami mhux wiehed ikkagunat b’ reat u li ghalhekk jekk jezistu l-elementi necessarji huwa applikabbli propju dan l-artikolu. Ghalhekk l-azzjoni

setghet giet ezercitata mid-data tat-18 ta' April, 2000. Infatti l-artikolu 2137 tal-Kap 16 jghid:

"“Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.”

“U hawn ghandu relevanza wkoll l-artikolu 2138 tal-Kap 16 li jsemmi:

“(1) Il-preskrizzjoni titqies bi granet shah u mhux bis-sieghat.

(2) Il-granet huma kontinwi: ix-xhur jitqiesu skond il-kalendarju.”

“F' dan l-istadju hu importanti wkoll li jigi kkwotat l-artikolu 2128 tal-Kap 16 li jghid:

"“Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b' kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car li s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom.”

“L-incident in kwistjoni sehh fit-18 ta' April 2000 u gie prezentat protest mill-attur fit-22 ta' Frar 2001 dwar liema protest hemm riferta (fol 36) maghmula fit-2 ta' Marzu 2001 li tghid “nghid u nizgura li fl-bla data innotifikajt lil Jacqueline Bajada b' kopja protest bil-posta b' registrazzjoni numru 1051…”.

“Ghalhekk huwa ovvju li mid-data tal-incident it-terminu preskrittiv ma kienx ghadda sa meta gie intavolat il-protest u li allura jibdew jiddekorru sentejn. Il-Qorti sejra tittratta aktar 'l isfel dwar is-sentejn minn meta jiddekorru u ghalhekk intenzjonalment f' dan l-istadju mhux qeghda tispecifika d-data.

“Biex jigu simplifikati l-affarijiet il-Qorti qeghda issa tezamina jekk minn meta gie prezentat it-tieni protest u

cioe` fit-3 ta' Marzu 2003 li gie notifikat lil Jacqueline Bajada fis-6 ta' Marzu ghaddiex il-perijodu tal-preksrizzjoni u hawn certament li le ghax fil-fatt ic-citazzjoni giet intavolata fid-19 ta' Dicembru 2003. Ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti biex tara jekk qabel it-3 ta' Marzu 2003 kenitx ghaddiet il-preskrizzjoni. F' dan l-istadju hu importanti li jigi kkwotat l-artikolu 2139 tal-Kap 16 li jghid:

"“(1) Il-preskrizzjoni taghlaq minnufih li jghaddi l-ahhar jum taz-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni.

(2) Izda, jekk l-ahhar jum ikun is-Sibt jew btala pubblika l-preskrizzjoni taghlaq malli jghaddi l-ewwel jum ta' wara, li ma jkunx Sibt jew btala pubblika.”

“L-attur isostni li tali terminu ma ghaddiex minhabba li pprezenta protest fit-22 ta' Frar 2001 u ghalhekk giet interrotta l-preskrizzjoni u li terminu gdid tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' dan l-ewwel protest u ghalhekk 2 ta' Marzu 2001. F' din id-data, skond l-attur, il-preskrizzjoni bdiet miexja mill-gdid, is-sentejn kienu jghalqu fit-2 ta' Marzu 2003 li kienet il-gurnata tal-Hadd u li ghaldaqstant f' dan il-kaz il-preskrizzjoni ghalqet fit-3 ta' Marzu 2003, liema preskrizzjoni kienet giet mill-gdid interrotta bil-prezentata tat-tieni protest. Ma' dan ma taqbilx il-konvenuta. Infatti hi ssostni li bit-timbru ta' notifika tat-2 ta' Marzu 2001 juri car li meta r-riferta saret in-notifika relattiva saret qabel kif solitu jsir fin-notifiki u li ghalhekk kien lahaq ghadda l-perjodu ta' preskrizzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti fil-materja in ezami mhux sufficjenti li wiehed iqis il-prassi izda biex tiddikjara kawza preskritta kien necessarju li jkollha provi fuq mija fil-mija u mhux disa' u disghin fil-mija u ghalhekk dan l-argument mhux sufficjenti biex il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq dan l-argument. Ghalhekk hu opportun li l-Qorti tezamina l-artikoli 890 u 891 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dawn jghidu hekk:

"“Art 890: “Il-protest jew l-ittra ufficjali jibdew isehhu minn dak in-nhar tan-notifika.”

Art 891: “(1) Izda, meta l-protest jew l-ittra ufficjali jkunu maghmula biex jiksru z-zmien tal-preskrizzjoni, huma jibdew isehhu mill-gurnata tal-prezentata, basta li jekk in-notifika ma ssirx fi zmien it-tmint ijiem ta’ wara, il-parti li tkun ipprezentat il-protest jew l-ittra ufficjali taghmel ir-rikors ghall-hrug fil-Gazzetta tal-Gvern ta’ avviz, iffirmat mir-registratur, li jkun fih migjuba s-sustanza ta’ dak l-att, u li dak l-avviz jigi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien xahar li jibda jghoddu mill-gurnata mill-gurnata tal-prezentata ta’ l-att.”

“L-artikolu 890 ma jwassalx lill-Qorti ghal wisq fil-kaz in ezami minhabba li d-data tan-notifika ma tistax tigi accertata dettaljatament u ghalhekk il-Qorti jkollha tmur fuq l-artikolu 891. Fil-kaz in ezami l-protest li sar kien carament biex jikser il-preskrizzjoni u ghalhekk skond l-imsemmi artikolu 891 beda jsehh fil-gurnata tal-prezentata tieghu u cioe` fit-22 ta’ Frar 2001 ghax f’ dan il-kaz in-notifika zgur li kienet saret entro t-tmint ijiem imsemmija u skond l-imsemmi artikolu 891 beda jsehh mill-gurnata tal-prezentata u cioe` 22 ta’ Frar. Dan ifisser li fit-23 ta’ Frar 2003 kienu ghaddew is-sentejn u cioe` qabel it-3 ta’ Marzu 2003 u b’ hekk kienet applikabbli l-preskrizzjoni biennali taht l-artikolu 2153 tal-Kap 16.”

**L-appell ta’ l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza riportata u b’hekk, b’rikors intavolat quddiem din il-Qorti fil-31 ta’ Jannar 2005, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, is-sentenza appellata tigi revokata billi din il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni (a) tal-konvenuta u ghalhekk jigi dikjarat illi l-azzjoni ta' l-attur mhix preskritta u li tirrimetti lura l-process lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni ta’ l-eccezzjoni l-ohra sollevata u tal-mertu tal-kaz, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuta appellata.

Il-konvenuta pprezentat risposta ghar-rikors ta’ l-appell ta' l-attur fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell tal-attur jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**L-aggravji ta' l-attur appellant.**

Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-attur qed jissottometti li:-
a) Ma hemmx dubju li l-konvenuta giet notifikata bil-protest pprezentat fit-22 ta' Frar 2001, minkejja li r-riferta ma tindika ebda data ta' din in-notifika;

b) Illi fil-kaz in ezami ghandu japplika l-artikolu 890 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod li t-tieni protest intavolat fit-3 ta' Marzu 2003 rega' interrompa l-preskrizzjoni billi gie prezentat fit-terminu.

**Ikkunsidrat:-**

Din il-kawza tikkoncerna talba ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni li l-attur jghid li sofra bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh gewwa l-Msida, fit-18 ta' April, 2000. Il-kawza odjerna giet intavolata fid-19 ta' Dicembru 2003, cioe` hafna zmien wara li kien ghalaq it-terminu preskrittiv ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. Izda bejn l-incident u l-prezentata tac-citazzjoni l-attur kien ipprezenta zewg protesti, debitament notifikati lill-konvenuta, li permezz taghhom kien interpella lill-istess konvenuta taddivjeni ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu sofferti. B'dana kollu l-konvenuta xorta wahda ssollevat il-preskrizzjoni estintiva a tenur ta' l-artikolu imsemmi billi qeghda ssostni li meta gie prezentat it-tieni protest id-dritt ta' l-attur kien gie estint bid-dekors tal-preskrizzjoni.

Bhala fatt jigi rilevat li l-ewwel protest ipprezentat mill-attur, u cioe` dak tat-22 ta' Frar 2001, gie debitament notifikat lill-konvenuta billi dan il-fatt jirrizulta mir-riferta tal-Purtier tal-Qorti, biss ma jirrizultax meta din in-notifika saret stante li fir-riferta, li ggib id-data tat-2 ta' Marzu 2001, jinghad biss "*nghid u nizgura li fl-**bla data** innotifikajt lil Jacqueline Bajada b'kopja **protest** bil-posta b'registrazzjoni Nru 1051…..*" Gie sottomess mill-attur, u f'dan ma gie bl-ebda mod ikkontestat mill-kontro-parti, li t-2 ta' Marzu 2001, kien il-Hadd u li konsegwentement japplika s-subartikolu 2 ta' l-Artikolu 2139 tal-Kap 16 li jiddisponi li, f'kazi bhal dawn, il-preskrizzjoni taghlaq fl-

ewwel jum ta’ wara “li ma jkunx is-Sibt jew btala pubblika” u cioe` skond l-attur huwa kien ghadu fit-terminu meta intavola t-tieni protest fit-3 ta’ Marzu, 2003.

Jirrizulta wkoll bhala fatt li t-tieni protest gie pprezentat fit-3 ta’ Marzu, 2003 u debitament notifikat lill-konvenuta fis-6 ta’ Marzu, 2003 bil-posta kif jidher mir-riferta tal-Marixxall tal-Qorti li ggieb id-data tat-12 ta’ Marzu, 2003.

**Ikkunsidrat:**
Il-kwistjoni li kellha tigi ezaminata mill-ewwel Qorti kienet limitata ghall-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ta’ sentejn sollevata mill-konvenuta a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 inkwantu t-talba attrici tikkoncerna azzjoni ghall-hlas ta’ hsarat mhux ikkagunati b’reat liema azzjoni, skond l-istess artikolu, taqa’ bi preskrizzjoni bl-gheluq ta’ sentejn. Billi bejn l-att li kkaguna d-dannu u l-prezentata tac-citazzjoni kienu ghaddew aktar minn sentejn l-ewwel Qorti kellha wkoll tezamina jekk fil-frattemp il-preskrizzjoni kinitx giet interrotta b’mod li meta giet intavolata c-citazzjoni l-attur kien ghad ghandu dritt ghall-azzjoni minnu intavolata.

Jirrizulta li l-attur kien ipprezenta zewg protesti kontra l-konvenuta, liema atti, bhala norma, huma, a tenur ta’ l-Artikolu 2128 tal-Kap 16, sufficjenti biex jinterrompu d-dekors tal-perjodu preskrittiv. Izda f’dan il-kaz hemm kumplikazzjoni billi ma giex stabbilit meta l-ewwel protest, li gie prezentat fit-22 ta’ Frar 2001, gie notifikat lill-konvenuta stante li d-data tan-notifika, fir-riferta datata t-2 ta’ Marzu, 2001, ma tirrizultax. Ghalhekk il-kwistjoni kienet jekk it-tieni protest li gie intavolat fit-3 ta’ Marzu 2003, kienx sar fit-terminu jew jekk dak inhar kienx gia` skada l-perjodu preskrittiv ghall-attur.

Naturalment l-attur isostni li t-tieni protest kien gie pprezentat tempestivament billi l-perjodu ta’ sentejn kontemplat fl-Artikoli 2153 beda jiddekorri mid-data tan-notifika ta’ l-ewwel protest u cioe` it-2 ta’ Marzu 2001, u skada jum wara li ghalqu dawn is-sentejn u cioe` fit-3 ta’ Marzu 2003, billi l-gurnata tat-2 ta’ Marzu 2003, kienet festa ossia jum il-Hadd. Il-kontro-parti sostniet, in prima istanza, li l-perjodu preskrittiv kien ghalaq qabel it-2 ta’

Marzu 2003, billi hija l-prassi normali f'materja ta' notifiki ta' atti gudizzjarji li n-notifika issir qabel d-data li ggib ir-riferta ta' l-ufficjal inkarigat. Dan l-argument tal-konvenuta, in sostenn tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, gie skartat mill-ewwel Qorti billi rriteniet li "*fil-materja in* ezami *mhux sufficjenti li wiehed iqis il-prassi …..*" u ghalhekk l-ewwel Qorti kkunsidrat l-effett li jista' jkollhom l-Artikoli 890 u 891 tal-Kap. 12 biex tigi rizolta l-kwistjoni. L-ewwel Qorti infatti qalet hekk:
"L-artikolu 890 ma jwassalx lill-Qorti ghal wisq fil-kaz in ezami minhabba li d-data tan-notifika ma tistax tigi accertata dettaljatament u ghalhekk il-Qorti jkollha tmur fuq l-artikolu 891. Fil-kaz in ezami l-protest li sar kien carament biex jikser il-preskrizzjoni u ghalhekk skond l-imsemmi artikolu 891 beda jsehh fil-gurnata tal-prezentata tieghu u cioe` fit-22 ta' Frar 2001 ghax f' dan il-kaz in-notifika zgur li kienet saret entro t-tmint ijiem imsemmija u skond l-imsemmi artikolu 891 beda jsehh mill-gurnata tal-prezentata u cioe` 22 ta' Frar. Dan ifisser li fit-23 ta' Frar 2003 kienu ghaddew is-sentejn u cioe` qabel it-3 ta' Marzu 2003 u b' hekk kienet applikabbli l-preskrizzjoni biennali taht l-artikolu 2153 tal-Kap 16."

**Ikkunsidrat:**

Fir-rikors tieghu l-attur jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza **Elmo Insurance Services Limited vs Carmel sive Charles Mangion** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fejn gie sottolineat

"*illi d-difett fl-indikazzjoni tad-data tan-notifika ma tfissirx li l-ittra ufficjali ma ntbaghtetx jew ma gietx ricevuta ……ma jkunx xieraq u lanqas jikkostitwixxi sens ta' gustizzja*" [kompliet dik il-Qorti] "*jekk ghall-evidenti lapsus calami tat-terz inkarigat min-notifika ta' att gudizzjarju jbati l-kreditur jew kull pretendent tad-dritt.*"

Fil-verita` din il-Qorti tara ftit relevanza ta' dak li nghad fis-sentenza citata mal-problema prezenti. Infatti f'dawn il-proceduri mhux qed jigi kontestat li l-att interruttiv tal-preskrizzjoni gie mibghut jew li gie notifikat. Fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-istess appellant, jghid li "*jirrizulta bic-car illi*

*fil-fat in-notifika saret*" fatt dan mhux kontestat mill-parti l-ohra. Il-kwistjoni izda tinsab fil-fatt li qabel ma gie intavolat it-tieni protest u cioe` dak tat-3 ta' Marzu 2003, il-preskrizzjoni setghet kienet gia` ddekorriet kontra l-attur u b'hekk l-azzjoni tieghu setghet kienet estinta kif qed tghid il-kontro-parti.

L-appellant jkompli jghid fir-rigward li "*fil-kuntest tal-provi u tal-ligi hawn fuq indikata ma ghandux ikun hemm dubju dwar il-fatt illi l-ewwel protest illi gie prezentat mill-attur appellant fit-22 ta' Frar, 2001 interrompa l-perjodu ta' preskrizzjoni u fil-kaz in ezami* <u>*ikun aktar gust*</u> *illi jigi applikat l-artiklu 890 hawn fuq citat. Ghaldaqstant stante illi l-unika data illi hemm indikata fir-riferta tal-imsemmi protest hija dik tat-2 ta' Marzu, 2001, ghal fini tal-kalkolu wiehed ghandu jiehu din id-data bhala l-gurnata ta' meta l-preskrizzjoni bdiet mixja mill-gdid u ghalhekk is-sentejn ghalqu fit-2 ta' Marzu, 2003. Din il-gurnata kienet il-gurnata tal-Hadd u skond l-artikolu 2139 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*
*1. Il-preskrizzjoni taghlaq minnufih li jghaddi l-ahhar jum taz-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni.*

*2. izda, jekk l-ahhar jum ikun is-Sibt jew btala pubblika, l-preskrizzjoni taghlaq malli jaghddi l-ewwel jum ta' wara, li ma jkunx Sibt jew btala pubblika..*

Din il-Qorti izda ma tistax tikkondividi dan il-hsieb. Huwa minnu li, f'materja ta' preskrizzjoni, r-regoli ghandhom jigu interpretati b'mod rigoruz billi din hija eccezzjoni odjuza. Biss din il-Qorti trid thares mhux biss lejn l-interess ta' l-attur izda wkoll lejn dak tal-konvenut li, wara kollox, huwa moghti d-dritt bil-ligi biex jiddifendi kull azzjoni migjuba kontrih bil-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni. Wara kollox huwa xieraq li jigi osservat li fil-proceduri in prim istanza l-attur seta' facilment ressaq il-prova tad-data tan-notifika billi jharrek lill-purtier inkarigat jew jitlob li tigi prodotta l-<u>card postali</u> li tintbghat lura lill-Qorti wara d-debita notifika. Ghalhekk tenut kont ta' dan din il-Qorti tikkondividi dak li qalet l-ewwel Qorti fil-parti konkluziva tas-sentenza u tirritjeni li, stante li l-protest kien mahsub biex jinterrompi l-preskrizzjoni, l-effett tieghu beda jsehh mid-data tal-

prezentata u konsegwentement meta gie intavolat t-tieni protest l-preskrizzjoni kienet iddekorriet.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------